**IT-TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR**

**Ġudikatur**
**AVV. JULIANA SCERRI FERRANTE**

**Seduta tat-Tlieta, 15 ta' Novembru 2022.**

**Talba numru 208/2022 SFJ**

**COMFUR (MALTA) LTD (C-61818)**

**VS.**

**SOVEREIGN HOTELS LTD (C-10538)**

**It-Tribunal:**

Ra l-Avviż tat-Talba ippreżentat fil-14 ta' Lujlu 2022 li permezz tiegħu l-attur ippremetta w talab:

> "*Illi s-Socjeta' konvenuta hija debitrici tas-socjeta attrici fl-ammont ta' EUR2,400.00 (elfejn u erba' mitt euro) bl-imghax legali dekorribbli bir-rata ta' 8 % sad-data tal-pagament effettiv;*
>
> *Jikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' EUR2,400.00 (elfejn u erba' mitt euro) u dan in konnessjoni mal-fattura bin-numru 6034, bl-imghax legal dekorribbli bir-rata ta' 8 % sad-data tal-pagament effettiv.*
>
> *Bl-ispejjez kontra s-socjeta' konvenuta li hija minn issa ingunta in subizzjoni.*

Ra li l-konvenut gie notifikat fis-4 ta' Awissu 2022, skond Fol 6.

Ra li l-konvenut ma ppreżentax Risposta u ma deher għal ebda seduta**.**

Gie pprezentat Kapitolu fil- 4 ta' Ottubru 2022 *seduta stante*.

Ra d-dokumentazzjoni ppreżentata, inkluz l-Affidavit dettaljat tas-sur Clayton Borg, ipprezentat fl-4 ta' Ottubru 2022, illi b'gurament ikkonferma illi l-intimat fadallu jaghti lilu, is-somma ta' elfejn u erba' mitt euro (EUR 2,400.00).

Is-sur Borg jirrapprezenta s-socjeta' attrici kif indikat ukoll mir-Rezoluzzjoni annessa prezentata bhala 'Dok A', mal-Affidavit tieghu.

**Provi mressqa u konsiderazzjonijiet tat-Tribunal**

Oltre li x-xhieda tal-attur nomine, Clayton Borg, hija sodisfaċenti u kompluta, it-Tribunal josserva li l-konvenut ma ressaq ebda difiża u ebda prova in kontradizzjon. It-Tribunal, għalhekk, m'għandu ebda raġuni sabiex jiddubita l-veraċità tax-xhieda tieghu.

It-Tribunal josserva li l-kontumaċja waħedha ma titqiesx bħala ammissjoni tat-talba tal-attur da parti tal-konvenut iżda kontestazzjoni tal-istess. Għalkemm il-konvenut jibqa' kontumaċi, dan ma jfissirx li huwa abbanduna kull eċċezzjoni li seta' jagħmel fil-kawża u ammetta d-domandi. Il-ġudikant għandu jeżamina jekk it-talba hijiex ġustifikata independentement mill-kontumaċja tal-konvenut (ara ***Fenici Insurance Agency Limited noe vs. Paul Stoner et*** deċiża mill-Qorti tal-Appell [Inferjuri] fit-22 ta' Novembru 2002). Il-prova bil-kapitolu għandha tiġi evalwata u meqjusa flimkien ma' kull prova li tkun prodotta.

L-istitut tal-kontumaċja hu intiż biss sabiex irażżan l-atteġġjament tal-kontumaċja u disprezz da parti ta' min ġie ċitat biex jersaq quddiem il-qorti (ara ***Kummissarju tal-Artijiet vs. John Curmi*** deċiża mill-Prim' Awla fil-31 ta' Jannar 2003).

*Siccome* għalhekk il-kontumaċja mhix ammissjoni iżda oppożizzjoni, xorta waħda l-attur irid jipprova l-allegazzjoni minnu vantata sabiex tirnexxi l-azzjoni tiegħu (ara ***Carmel Schembri vs. Dorianne Zerafa*** deċiża mill-Prim' Awla fit-12 ta' Lulju 2001).

**Deċide**

Għaldaqstant, it-Tribunal jaqta' u jiddeċiedi din l-azzjoni billi jilqa' t-talbiet kollha tas-socjeta' attrici u konsegwentement jikkundanna lis-socjeta' konvenuta tħallsu s-somma ta' EUR2,400.00, (elfejn u erba' mitt euro) bl-imgħax, liema mgħax għandu jiddekorri b'rata mhux ogħla mir-rata massima permessa skont il-liġi mid-data tal-fattura, cioe' mis-26 ta' Frar 2019, sad-data tal-pagament effettiv.

Is-Socjeta' konvenuta hija wkoll ordnata thallas lis-socjeta attrici l-ispejjez ta' din il-kawza.

**AVV. JULIANA SCERRI FERRANTE**
**B.A., L.P., Mag. Iur. (Int. Law), LL.D.**
**Ġudikatur**